II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/11

tas-7 ta' Jannar 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 498/2012 dwar l-allokazzjoni ta' kwoti tar-rati tariffarji li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2012/105/UE) tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tar-rata tariffarja li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-modalitajiet tekniċi skont dak il-Ftehim ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Awwissu 2012, il-Federazzjoni Russa ssieħbet fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. L-impenji tal-Federazzjoni Russa jinkludu l-kwoti tar-rati tariffarji għall-esportazzjoni ta' tipi speċifikati ta' injam koniferuż, li sehem minnu kien allokat għall-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni. Il-modalitajiet għall-amministrazzjoni ta' dawk il-kwoti b'rati tariffarji huma stabbiliti fil-Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa b'rabta mal-amministrazzjoni tal-kwoti tar-rati tariffarji li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea ([2]) ("il-Ftehim") u fil-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-modalitajiet tekniċi skont il-Ftehim ([3]) ("il-Protokoll"). Il-Ftehim u l-Protokoll ġew iffirmati fis-16 ta' Diċembru 2011. Dawn ġew applikati provviżorjament mid-data tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

(2) Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2012/105/UE, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 498/2012 ([4]) stabbilixxa r-regoli dwar l-allokazzjoni ta' kwoti tar-rati tariffarji li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea. Dak ir-Regolament ma jibqax japplika fid-data li fiha titlesta l-proċedura għall-konklużjoni tal-Protokoll.

(3) Filwaqt li l-Ftehim u l-Protokoll ikomplu jiġu applikati b'mod provviżorju, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tagħhom, l-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 498/2012 żvelat il-ħtieġa li jiġu emendati xi dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 57, 29.2.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 57, 29.2.2012, p. 3.
([3]) ĠU L 57, 29.2.2012, p. 5.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 498/2012 tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar l-allokazzjoni ta' kwoti tar-rati tariffarji li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea (ĠU L 152, 13.6.2012, p. 28).

(4) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 498/2012 għandu jiġi emendat sabiex ikun żgurat li fl-ewwel parti ta' kull perjodu tal-kwota, id-drittijiet massimi ta' importazzjoni ta' importaturi tradizzjonali, għal kwalunkwe grupp ta' prodotti, ma jkunux inqas minn dawk mogħtija lill-importaturi ġodda.

(5) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll, il-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti hija bbażata fuq in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika applikata fir-Russja. L-Annessi I u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 498/2012 jirreferu għall-kodiċijiet tariffarji rilevanti tal-prodotti koperti. Meta wieħed iqis li n-nomenklatura ġiet modifikata peress li l-Protokoll applika provviżorjament, hemm il-ħtieġa li dawn il-modifiki jiġu riflessi fl-Annessi biex jirriflettu n-nomenklatura tariffarja u statistika attwalment applikata fil-Federazzjoni Russa. L-Annessi I u II għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Injam stabbilit mid-Deċiżjoni 2012/105/UE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 498/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Barra minn hekk, għandha tapplika d-definizzjoni li ġejja: "grupp ta' prodotti" tfisser kull waħda miż-żewġ kategoriji ta' prodotti koperti skont il-klassifikazzjoni ta' dawn il-prodotti taħt in-nomenklatura tariffarja u statistika applikata fil-Federazzjoni Russa, jiġifieri l-prinjol u l-arżnu. Il-kodiċijiet tariffarji rilevanti applikati fil-Federazzjoni Russa u n-Nomenklatura Magħquda (*) ("NM") u l-kodiċijiet TARIC korrispondenti huma mehmuża bħala l-Anness I.

(*) Li attwalment jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1776 (ĠU L 280, 31.10.2019, p. 1).";

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Kull sena, il-Kummissjoni għandha tikkalkola l-limiti massimi applikabbli għal kull importatur tradizzjonali għall-perjodu tal-kwota suċċessiv f'konformità mal-metodu stabbilit fl-Artikolu 6(2). Jekk il-limitu massimu kkalkolat ta' importatur tradizzjonali għal grupp ta' prodotti partikolari jkun inqas mil-limitu massimu ta' 1,5 % tal-kwota tariffarja mogħtija lill-importaturi ġodda skont l-Artikolu 4(3), il-limitu massimu għall-importatur tradizzjonali kkonċernat jiġi stabbilit fil-livell ta' 1,5 % tal-kwota tariffarja għal grupp ta' prodotti rispettiv.";

(3) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(4) l-Anness III huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Jannar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS I

Kodiċijiet tariffarji rilevanti applikati fil-Federazzjoni Russa u kodiċijiet NM u TARIC kif imsemmija fl-Artikolu 2

	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Kodiċi tariffarju Russu	Deskrizzjoni sħiha
1.	ex 4403 23 10	10	4403 23 110 0	Injam tal-prinjol tat-tip *Picea abies* Karst. jew żnuber ajbad (*Abies alba* Mill.), ta' dijametru ta' mhux inqas minn 15-il ċm iżda mhux aktar minn 24 ċm, ta' tul ta' mhux inqas minn 1,0 m
	ex 4403 23 90	10	4403 23 190 0	
2.	ex 4403 23 10	10	4403 23 110 0	Injam tal-prinjol tat-tip *Picea abies* Karst. jew żuber ajbad (*Abies alba* Mill.), ta' dijametru ta' aktar minn 24 ċm, ta' tul ta' mhux inqas minn 1,0 m
	ex 4403 23 90	10	4403 23 190 0	
3.	ex 4403 24 00	10	4403 24 100 0	Injam tal-prinjol tat-tip *Picea abies* Karst. jew żnuber ajbad (*Abies alba* Mill.), mhux maħdum, kemm bil-qoxra jew bil-lbieba mneħħija jew le, jew maqtugħ kwadru fuq fuq, ta' dijametru ta' inqas minn 15-il ċm
4.	ex 4403 24 00	10	4403 24 100 0	Injam ieħor tal-prinjol tat-tip *Picea abies* Karst. jew żnuber abjad (*Abies alba* Mill.)
5.	ex 4403 21 10	10	4403 21 110 0	Injam tal-arżnu tat-tip *Pinus sylvestris* L., ta' dijametru ta' mhux inqas minn 15-il ċm iżda mhux aktar minn 24 ċm, ta' tul ta' mhux inqas minn 1,0 m
	ex 4403 21 90	10	4403 21 190 0	
6.	ex 4403 21 10	10	4403 21 110 0	Injam tal-arżnu tat-tip *Pinus sylvestris* L., ta' dijametru ta' aktar minn 24 ċm, ta' tul ta' mhux inqas minn 1,0 m
	ex 4403 21 90	10	4403 21 190 0	
7.	ex 4403 22 00	10	4403 22 100 0	Injam tal-arżnu tat-tip *Pinus sylvestris* L. (mhux maħdum, kemm bil-qoxra jew bil-lbieba mneħħija jew le, jew maqtugħ kwadru fuq fuq,) ta' dijametru ta' inqas minn 15-il ċm
8.	ex 4403 22 00	10	4403 22 100 0	Injam ieħor tal-arżnu tat-tip *Pinus sylvestris* L."

ANNESS II

"ANNESS III

Il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2)

Kodiċi Tariffarju Russu	**Koeffiċjent ta' korrezzjoni**
4403 23 11 00 4403 23 19 00 4403 24 10 00	0,88
4403 21 11 00 4403 21 19 00 4403 22 10 00	0,87"